# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 778

Kaz Nru. 931

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Carmel Grech

u

St. Iermu Shipping Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 6 ta' Jannar 1997

**Chairman : Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.**

**Preliminari**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra Ref. ME 4/95/38 datata 20 ta' April 1995, skond il-provvedimenti tal-Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm tnax (12)-il seduta.

L-appellant Carmel Grech kien mghejjun mill-avukat Andrew Borg Cardona waqt li ghall-Kumpanija deher is-sur Frank Sammut li kien mghejjun mill-avukat J.J. Vella.
Carmel Grech kien impjegat mal-Kumpanija St. Iermu Shipping Ltd bhala Chief Officer. Il-Kumpanija kellha rapport illi Grech kien qieghed jahdem, waqt il-leave tieghu ma' Kumpanija ohra u cioe' is-San Lucjan Oil Bunkering Company, li kienet kompetittrici tal-Kumpanija St. Iermu. Il-Kumpanija ghamlet l-investigazzjonijiet taghha, waslet ghall-konkluzjoni illi Grech wera nuqqas ta' lealta' lejn il-Kumpanija tieghu u hargitlu l-avviz ta' terminazzjoni ta' impjieg b'effett mill-10 ta' Ottubru, 1994.

Carmel Grech sostna illi t-tkeccija tieghu ma kinitx gusta u ressaq il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

**Rizultanzi**

Carmel Grech ma cahadx illi kien mar jahdem part-time mal-Kumpanija San Lucian fil-hin liberi tieghu, imma sostna illi kien saqsa lis-Sur Lawrence Farrugia, li dak iz-zmien kien supretendent tal-Kumpanija, jekk kellux bzonn ta' permess biex jaghmel xoghol part-time meta kien bil-frank. Farrugia, skond Grech, kien qallu li m'ghandux bzonn ta' permess. B'dan kollu, Grech ammetta fix-xhieda tieghu illi ma kienx indika x'xoghol kien bi hsiebu jaghmel. Farrugia, ghalkemm ma ftakarx ezatt din il-konsenazzjoni, ddikjara li kieku Grech kien qallu ma min kien behsiebu jahdem kien jghidlu 'le'.

**Konsiderazzjonijiet**

Fl-opinjoni tat-Tribunal, Carmel Grech ghamel 'error of judgement' meta mar jahdem part-time mal-Kumpanija San Lucian. Huwa kellu kuntratt ta' mpjieg mal-Kumpanija St. Iermu u l-obbligu primarju tieghu kien lejn dik il-Kumpanija. Ir-regola fis-Servizz Civili meta mpjegat tal-Gvern japplika biex jaghmel xoghol privat part-time hija illi permess jista' jinghata kemm il-darba dan ix-xoghol part-time ma jkunx l-istess bhal dak li jaghmel mal-Gvern. Grech seta', per ezempju sab xi part-time xoghol bhala skrivan jew anki bhala crewman ta' xi skuna tas-sajd.  Huwa veru li r-regoli tac-Civil ma japplikawx ghal privat, pero' l-principju huwa l-istess.  Huwa konceppli illi kieku Grech kien qal x'kien behsiebu jaghmel u rcieva twissija biex ma jmurx jahdem ma' Kumpanija kompetitrici, ma' kienx imur jahdem mal-Kumpanija San Lucjan. Irrelevanti illi ma kienx hemm hsara lill-Kumpanija St. Iermu. Il-fatt huwa li Grech kellu l-obbligu jiddedika l-energija tieghu lis-St. Iermu u l-fatt li kien ikollu leave moghtija u approvata minn dik il-Kumpanija jfisser illi kellu permess biex jistrieh mix xoghol normali tieghu u mhux imur jithabat abbord fl-istess kariga li kellu mas-St. Iermu u jiddedika l-energiji u l-know how tieghu lill-Kumpanija kompetittrici.

**Decizjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal ma jistax jaccetta illi t-tkeccija ta' Carmel Grech ma kinitx meritata u ghalhekk jirrispingi t-talba tieghu ghall-kumpens.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti tal-1986 (A.L. 48 tal-1986) dwar drittijiet li jithallsu maghmula taht il-Kapitolu 266 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal qieghed jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri d-dritt ta’ tmienja u ghoxrin liri maltin (Lm28).

B’hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

-----------------------
Maurice J.V. Bonello
CHAIRMAN

------------------
Joyce Agius
SEGRETARJA

mrg